Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15597/26

JEUN 249
HYBRID 137
DISINFO 92
AUDIO 133
EDUC 446
AG 182
JAI 1407
FREMP 346
SOC 731
TELECOM 541
COMPET 1329
DIGIT 296

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-responsabbilizzazzjoni taż-żgħażagħ f'ambjent ta' informazzjoni li qed jevolvi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fis-sessjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2026.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet
tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill
dwar ir-responsabbilizzazzjoni taż-żgħażagħ f'ambjent ta' informazzjoni li qed jevolvi

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. Ir-Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019–2027, inkluż l-Anness 1 (id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ) u l-Anness 3 (l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ)[1], tippromwovi l-parteċipazzjoni msaħħa taż-żgħażagħ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tissottolinja l-importanza tal-involviment ta' żgħażagħ minn kuntesti differenti. Permezz tat-tliet pilastri ewlenin tagħha—Involviment, Konnessjoni, Responsabbilizzazzjoni—tenfasizza l-importanza ta' parteċipazzjoni sinifikattiva, it-trawwim ta' fehim reċiproku u t-tagħmir taż-żgħażagħ fl-Ewropa bil-kompetenzi u l-opportunitajiet meħtieġa biex jikkontribwixxu b'mod attiv għal soċjetà reżiljenti u inklużiva.

2. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi d-drittijiet taż-żgħażagħ li jaċċessaw l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-opportunitajiet indaqs u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, filwaqt li jappoġġa l-ħolqien ta' komunitajiet inklużivi u reżiljenti li fihom iż-żgħażagħ ikunu involuti b'mod attiv, u jkunu ekonomikament u soċjalment sikuri.

---

[1] Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018, pp. 1–22, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A42018Y1218%2801%29

FILWAQT LI JFAKKRU FL-ISFOND POLITIKU U LEGALI LI JINSAB FI:

3. It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija[2], li tippreżenta sett koerenti u strateġiku ta' miżuri biex jirrisponsabbilizza, jipproteġi u jippromwovi demokraziji b'saħħithom u reżiljenti fl-UE kollha, inkluż passi biex tittejjeb il-kapaċità kollettiva taċ-ċittadini biex jiġġieldu l-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u Interferenza minn Barranin (FIMI) u d-diżinformazzjoni u tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà permezz ta' approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha.

4. L-istrateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+)[3], l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal[4] u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti[5], il-Pjan ta' Azzjoni kontra l-Bullying Ċibernetiku[6], u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[7] għandhom l-għan li jipproteġu, jirresponsabbilizzaw u jirrispettaw lit-tfal u liż-żgħażagħ u l-privatezza, is-sikurezza, is-sigurtà, is-saħħa mentali u l-benesseri tagħhom online, inkluż permezz ta' inizjattivi mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom.

---

2 Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija: It-Tisħiħ ta' Demokraziji b'Saħħithom u Reżiljenti, JOIN (2025) 791 final, id-dokument tal-Kunsill 15387/25.

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+), COM(2022) 212 final, id-dokument tal-Kunsill 9071/22.

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura, COM(2021) 142 final, id-dokument tal-Kunsill 7453/21.

5 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (Ġunju 2022), id-dokument 10024/22.

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku "Aktar sikuri online, flimkien aktar b'saħħitna", COM(2026) 71 final, id-dokument tal-Kunsill 6361/26.

7 Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj.

5. Il-qafas legali robust tal-Unjoni Ewropea, li jinkludi iżda mhuwiex limitat għad-Direttiva dwar is-Servizzi Awdjoviżivi u tal-Media[8], l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Linji Gwida tiegħu dwar il-protezzjoni tal-minorenni[9], l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media[10], ir-Regolament dwar ir-Reklamar Politiku[11] u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali[12] li jipprovdu l-mekkaniżmi meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mill-atturi kollha fl-ekosistema diġitali.

---

8 Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1) u d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbiddlu (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69–92).

9 Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar il-miżuri biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà fir-rigward tal-minorenni online, skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 (C(2025) 6826 final), ĠU C, C/2025/5519, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5519/oj

10 Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj

11 Ir-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/900/oj

12 Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj

FILWAQT LI JENFASIZZAW LI:

6. L-ambjent ta' informazzjoni li qed jevolvi u l-isfidi dejjem akbar għall-integrità tal-informazzjoni huma kwistjonijiet ta' ħassib dejjem akbar, b'impatt soċjetali usa', li huma espressi b'mod konsistenti miż-żgħażagħ.[13] Hemm bżonn ta' azzjoni koordinata mill-Istati Membri fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ ikunu mgħammra biex jipparteċipaw b'mod attiv u sinifikanti fil-ħajja demokratika u ċivika, u b'hekk jissaħħu l-pedamenti ta' soċjetà ġusta u reżiljenti, inkluż għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

FILWAQT LI JAGĦRFU LI:

7. It-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà sawret mill-ġdid b'mod fundamentali kif iċ-ċittadini, u b'mod partikolari ż-żgħażagħ, jinvolvu ruħhom fid-diskors pubbliku.

8. Hemm ekosistema diġitali li qed tinbidel malajr, inkluż fil-kuntest tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u t-teknoloġiji tal-IA, li mhux biss issawwar kif iż-żgħażagħ jaċċessaw u jinterpretaw l-informazzjoni iżda wkoll kif jipproduċu, jikkunsmaw u jikkondividu l-informazzjoni.

9. Iż-żgħażagħ kollha għandhom id-dritt li jaċċessaw informazzjoni preċiża, affidabbli u adatta għaż-żgħażagħ. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ[14] u s-servizzi ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ għandhom rwol ewlieni biex jappoġġaw liż-żgħażagħ biex jeżerċitaw dan id-dritt, filwaqt li jrawmu kultura ta' ħsieb kritiku u litteriżmu medjatiku li tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha.

10. Iż-żgħażagħ jiffaċċaw opportunitajiet u sfidi ġodda sinifikanti meta jaċċessaw, jikkunsmaw, jinterpretaw, jikkondividu u jipproduċu informazzjoni, jesprimu l-opinjoni tagħhom u jipparteċipaw fid-dibattitu pubbliku u demokratiku.

---

13 Bárta, O., & Moxon, D. (2025). EUYD11 EU Youth Conference in Lublin, Poland. Conference Report. Zenodo. https://doi.org/10.5281/zenodo.15118224

14 Għall-fini ta' dawn il-Konklużjonijiet, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ huma meqjusa bħala organizzazzjonijiet ta' ħidma fost iż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet li jaħdmu primarjament maż-żgħażagħ.

11. L-ambjent ta' informazzjoni joffri opportunitajiet għall-involviment ċiviku iżda jesponi wkoll liż-żgħażagħ għal kontenut qarrieqi u polarizzanti. Għalhekk huwa xieraq li tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-żgħażagħ u li jiġi appoġġat il-kontribut attiv tagħhom għat-tiswir tal-ambjent usa' tal-informazzjoni.

12. L-istrutturi lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej li jappoġġaw l-informazzjoni dwar iż-żgħażagħ, bħall-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, ERYICA, Eurodesk u l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ, għandhom rwol importanti fil-promozzjoni ta' informazzjoni preċiża, affidabbli, adatta għaż-żgħażagħ u aċċessibbli.

13. Il-pjattaformi online jiipprovdu mekkaniżmu importanti għaż-żgħażagħ biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u jikkollegaw ma' oħrajn li jikkondividu interessi simili, filwaqt li jgħinu liż-żgħażagħ jibnu ħiliet soċjali, kunfidenza u sens ta' komunità.[15]

14. Iż-żgħażagħ minn età bikrija huma dejjem aktar esposti għall-bullying ċibernetiku, il-fastidju online u forom oħra ta' mġiba online dannuża, inkluż l-inċitament ċibernetiku għall-vjolenza jew il-mibegħda, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-benesseri, is-saħħa mentali, il-ħajja soċjali, il-parteċipazzjoni demokratika u l-involviment tagħhom fl-ambjent ta' informazzjoni diġitali, speċjalment għall-bniet u n-nisa żgħażagħ affettwati b'mod sproporzjonat mill-forom kollha ta' vjolenza ċibernetika.[16]

---

15 Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar il-miżuri biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà fir-rigward tal-minorenni online, skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 (C(2025) 6826 final), ĠU C, C/2025/5519, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5519/oj

16 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolexxenti fl-era diġitali (Ġunju 2025), id-dokument 10430/1/25 REV 1.

15. Iż-żgħażagħ irid ikollhom l-opportunità li jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa, inkluż il-litteriżmu diġitali, medjatiku u tal-IA, biex jinvolvu ruħhom b'mod kritiku meta jaċċessaw, jikkunsmaw, jinterpretaw, jikkondividu u jipproduċu informazzjoni online. Bħala tali, dawn il-ħiliet u l-kompetenzi huma tal-akbar importanza għall-protezzjoni u r-responsabbilizzazzjoni tagħhom fl-ambjent ta' informazzjoni.

16. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u esperti u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra bħas-servizzi ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ u ċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur għandhom rwol importanti fl-appoġġ għaż-żgħażagħ biex jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa u biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fl-ambjent tal-informazzjoni.

FILWAQT LI JENFASIZZAW LI:

17. Manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI) koordinati u sistematiċi, inkluż minn ċerti atturi sponsorjati mill-Istat jew mill-Istat, ifittxu li jimminaw il-fiduċja taż-żgħażagħ fl-istituzzjonijiet demokratiċi, idgħajfu l-koeżjoni soċjali, ifixklu u jrawmu d-diviżjoni fis-soċjetajiet tagħna. It-tixrid immirat tal-FIMI, id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni jisfrutta l-vulnerabbiltajiet u joħloq theddida sinifikanti għall-integrità tal-informazzjoni u r-reżiljenza demokratika.

18. L-esponiment kontinwu għall-FIMI, id-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni u l-fastidju online jistgħu jwasslu għal ansjetà, depressjoni, stima personali baxxa, solitudni u kwistjonijiet oħra tas-saħħa jew tal-imġiba, speċjalment fost iż-żgħażagħ.[17]

---

[17] Kunsill tal-Unjoni Ewropea, konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolexxenti fl-era diġitali (20 ta' Ġunju 2025), id-dokument 10430/1/25 REV 1; Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri (2 ta' Diċembru 2024), id-dokument 16366/24.

19. Il-promozzjoni u s-salvagwardja tal-integrità tal-informazzjoni ser jirresponsabbilizzaw liż-żgħażagħ biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jipproduċu, jaċċessaw, jikkunsmaw u jikkondividu l-informazzjoni, billi jżidu l-kapaċità tagħhom li jagħmlu għażliet infurmati, jinnavigaw l-ekosistema diġitali b'awtonomija u billi jsaħħu l-ħsieb kritiku u s-sensibilizzazzjoni ċivika tagħhom.

20. Iż-żieda fil-fiduċja taż-żgħażagħ fl-istituzzjonijiet demokratiċi fil-livelli kollha tista' tippromwovi r-reżiljenza demokratika, issaħħaħ is-solidarjetà, tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-paċi, u tipprevjeni d-demotivazzjoni, id-diżimpenn u l-aljenazzjoni politika.

21. L-użu dejjem akbar tal-IA u tat-teknoloġiji tal-IA jirrikjedi salvagwardji u sorveljanza mill-bniedem. Huwa meħtieġ litteriżmu adegwat fl-IA fost l-utenti sabiex ikunu jistgħu jinteraġixxu ma' dawn is-sistemi u jużawhom b'mod etiku, kritiku, sikur u trasparenti u b'għarfien sħiħ tal-impatt potenzjali tagħhom fuq iż-żgħażagħ.

FILWAQT LI JQISU LI:

22. L-ekosistema diġitali għandha setgħa sinifikanti fit-tiswir tad-diskors demokratiku, l-opinjoni pubblika u l-involviment ċiviku fost iċ-ċittadini Ewropej kollha.

23. Il-ħiliet ta' teħid ta' deċiżjonijiet responsabbli u ta' ħsieb kritiku, flimkien mal-litteriżmu diġitali, medjatiku u tal-IA jservu bħala għodod siewja għall-ġlieda kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni billi jippermettu liż-żgħażagħ jivvalutaw b'mod kritiku s-sors tal-informazzjoni u b'hekk jevitaw li jiġu mqarrqa minn kontenut falz jew qarrieqi.

24. Il-promozzjoni tal-fehim u t-tagħlim dwar l-intelliġenza emozzjonali bħala parti mit-tagħlim formali, mhux formali u informali għandha s-setgħa li ttejjeb l-iżvilupp personali u soċjali taż-żgħażagħ billi tgħinhom iżidu r-reżiljenza emozzjonali tagħhom, jibnu empatija u joħolqu relazzjonijiet soċjali sinifikanti.

25. L-ostakli għal involviment online sinifikanti għadhom jippersistu għal ħafna żgħażagħ, inkluż dawk li jirriżultaw minn żvantaġġ soċjoekonomiku, diżabbiltà, aċċess limitat għall-infrastruttura jew in-nuqqas tagħha, u ħiliet insuffiċjenti biex jinvolvu ruħhom online.

26. It-tagħlim tul il-ħajja huwa essenzjali biex iċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jkomplu jitgħallmu dwar l-ambjent tal-informazzjoni u jibnu fuq il-ħiliet tagħhom b'rispons għall-bidla teknoloġika.

27. Fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażagħ f'Dublin mis-27 sat-30 ta' Settembru 2026, iż-żgħażagħ ipproponew ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

1. Il-kokreazzjoni ta' spazji fdati għaż-żgħażagħ għad-djalogu nazzjonali u Ewropew

L-Istati Membri tal-UE għandhom joħolqu iterazzjonijiet nazzjonali msaħħa tal-qafas tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, infurmati mill-prijoritajiet lokali taż-żgħażagħ u konnessi mat-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali u Ewropej. Dan għandu jinkludi spazji parteċipattivi taż-żgħażagħ lokali permanenti, inklużivi u maħluqa b'mod konġunt, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu involuti żgħażagħ diversi u sottorappreżentati. Il-gvernijiet nazzjonali u l-muniċipalitajiet għandhom jiżguraw parteċipazzjoni sinifikanti, aċċessibbli, appoġġata finanzjarjament, u sostenibbli, billi jissieħbu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

2. L-Introduzzjoni ta' Qafas għal-Litteriżmu fl-Informazzjoni

L-UE għandha tintroduċi Qafas għal-Litteriżmu fl-Informazzjoni, li jirrisponsabbilizza liż-żgħażagħ biex jinnavigaw ix-xenarju tal-informazzjoni tal-lum, maħluq b'mod konġunt miż-żgħażagħ, l-UE u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-qafas għandu jappoġġa liż-żgħażagħ biex isibu u jivvalutaw sorsi affidabbli, jirrikonoxxu l-preġudizzju fl-informazzjoni, jifhmu kif il-kontenut jilħaqhom, u jrawmu r-responsabbiltà fil-mekkaniżmi ta' rappurtar. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti għandhom jikkondividu l-Qafas aċċessibbli u applikabbli permezz ta' kanali differenti.

3. L-Istabbiliment ta' Tikketta ta' Kwalità Ewropea għal Fornituri ta' Informazzjoni Trasparenti u Verifikati

L-istabbiliment ta' Tikketta ta' Kwalità Ewropea, maħruġa minn istituzzjoni terza indipendenti b'fergħat nazzjonali, li tipprovdi indikatur ċar u rikonoxxibbli ta' fornituri tal-informazzjoni verifikati, affidabbli, trasparenti u responsabbli. It-Tikketta ta' Kwalità hija għodda tas-sikurezza li għandha tintuża fuq il-pjattaformi tal-media biex tiġi verifikata t-trasparenza tal-proċessi li jsegwu, inkluż is-sorsi, l-użu tal-IA, il-finanzjament, u l-korrezzjonijiet awtomatizzati tat-test użati mingħajr sorveljanza mill-bniedem.

4. L-għoti ta' mandat għat-tfassil ta' pjattaformi diġitali biex l-aħjar interessi taż-żgħażagħ ikunu fil-qalba

   L-UE għandha tiżgura li l-pjattaformi diġitali jkunu mmexxija mill-utenti minflok xprunati mill-profitt. Hija meħtieġa aktar trasparenza dwar liema kontenut jintwera liż-żgħażagħ sabiex ikunu jistgħu jifhmu minn fejn ġej il-kontenut u jagħmlu għażliet infurmati (eż., permezz ta' kampijiet inkorporati li jidentifikaw is-sorsi). Huma meħtieġa għodod aħjar biex jiġu indirizzati karatteristiċi bħall-iskrolljar infinit. Dawn l-għodod iridu jiġu inkorporati apposta fil-pjattaformi. Il-pjattaformi diġitali jridu jippromwovu opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom barra mill-ispazji online.

5. L-iżvilupp ta' regolamenti dwar l-algoritmi tal-pjattaformi online biex titnaqqas il-polarizzazzjoni

   Filwaqt li tibni fuq il-politika eżistenti bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-UE għandha tiġġieled l-algoritmi ta' rakkomandazzjoni u s-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom, mingħajr ma tiċċensura l-kontenut innifsu. Dawn l-algoritmi u s-sistemi ta' klassifikazzjoni jipprijoritizzaw il-kontenut inċendjarju biex jimmassimizzaw l-involviment tal-utenti. Barra minn hekk, il-pjattaformi kollha għandhom jipprovdu lill-utenti mod aktar aċċessibbli biex jippersonalizzaw il-mod kif jiffunzjonaw l-algoritmi tagħhom, kif ukoll jipprovdu trasparenza dwar liema data tkun inġabret.

Ir-rakkomandazzjonijiet ma jimponu l-ebda rekwiżit formali fir-rigward tal-politiki dwar iż-żgħażagħ fil-livelli rilevanti. Madankollu, jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI:

28. Iqisu l-iżvilupp ta' approċċ strateġiku fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali biex jindirizzaw l-isfidi kumplessi ewlenin maħluqa mill-ambjent tal-informazzjoni u jkomplu jippromwovu l-integrazzjoni taż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-involviment sinifikanti taż-żgħażagħ fit-tħejjija, it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' tali approċċ.

29. Jippromwovu d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ bħala mekkaniżmu importanti għal konsultazzjonijiet sistematiċi maż-żgħażagħ, inkluż dwar l-interazzjoni tagħhom mal-ambjent ta' informazzjoni, u jużaw il-kontribut u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom biex jinfurmaw il-proċessi rilevanti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-iżvilupp tal-politika.

30. Jirrikonoxxu u jappoġġaw ir-rwol uniku taż-żgħażagħ bħala edukaturi bejn il-pari u ambaxxaturi, li jistgħu jilħqu u jinfluwenzaw lill-pari tagħhom barra mill-apprendiment formali, mhux formali u informali, kif ukoll ir-rwol li ħafna minnhom għandhom fit-tagħlim interġenerazzjonali.

31. Jappoġġaw lill-edukaturi speċjalizzati fl-appoġġ għall-istudenti, lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, f'kooperazzjoni ma' esperti, familji u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, biex jiżviluppaw metodoloġiji u għodod li jsaħħu r-reżiljenza taż-żgħażagħ kontra d-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni u l-manipulazzjoni online bil-ħsieb li jirresponsabbilizzawhom u jgħinuhom jieħdu deċiżjonijiet infurmati u responsabbli[18].

---

[18] Kummissjoni Ewropea: Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, *Linji gwida aġġornati għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litterizmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ – Aġġornati*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026, https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/60fddd7a-17dc-11f1-8870-01aa75ed71a1

32. Isaħħu l-isforzi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ jifhmu d-drittijiet tagħhom fl-ambjent ta' informazzjoni permezz ta' strutturi lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej li jappoġġaw l-informazzjoni għaż-żgħażagħ, bħall-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, ERYICA, Eurodesk u l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ.

33. Jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw id-djalogu bejn iż-żgħażagħ, il-fornituri tal-edukazzjoni, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, il-ġenituri, il-familji, l-indokraturi, il-kustodji legali u s-soċjetà ċivili usa' biex jindirizzaw l-opportunitajiet u l-isfidi li jirriżultaw mill-ambjent ta' informazzjoni.

34. Jippromwovu approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja biex iċ-ċittadini ta' kull età jkunu jistgħu jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi għall-ambjent ta' informazzjoni li qed jevolvi.

35. Jieħdu vantaġġ sħiħ, fejn xieraq, mill-fondi, l-għodod ta' kooperazzjoni u l-programmi eżistenti tal-UE biex jappoġġaw l-iżviluppi, l-inizjattivi u l-approċċi relatati mal-ħiliet u l-kompetenzi għall-ambjent ta' informazzjoni li qed jevolvi.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM:

36. Ikomplu jagħmlu skambji ta' fehmiet u informazzjoni bbażata fuq l-evidenza, jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u jikkondividu l-aħjar prattiki dwar l-impenji politiċi u legali li jfittxu li jiġġieldu t-tixrid ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni, jiġġieldu l-FIMI, u jsaħħu r-reżiljenza demokratika fil-gruppi tal-etajiet kollha, speċjalment fost iż-żgħażagħ u fosthom il-gruppi vulnerabbli.

37. Itejbu t-tagħrif u l-għarfien pubbliku fir-rigward tal-proċessi tal-FIMI, tad-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni permezz ta', pereżempju, riċerka multidixxiplinari, il-kompilazzjoni ta' data dwar ix-xejriet tal-konsum tal-informazzjoni u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni. F'dak il-kuntest, jistgħu jintużaw l-istrutturi eżistenti u jibbażaw ukoll fuq l-għarfien espert ta' partijiet ikkonċernati mhux istituzzjonali bħall-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO)[19] u n-network Ewropew ta' verifikaturi tal-fatti.

38. Ikomplu jippromwovu u jiżviluppaw il-ħsieb kritiku, l-inizjattivi tal-litteriżmu diġitali u medjatiku, l-għarfien tal-iġjene diġitali[20] u ħiliet u kompetenzi rilevanti oħra meħtieġa miż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati oħra biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-ambjent ta' informazzjoni li qed jevolvi.

---

19 https://edmo.eu/

20 It-terminu "iġjene diġitali" jirreferi għall-bilanċ san ta' attivitajiet diġitali u mhux diġitali fil-ħajja ta' kuljum, b'attenzjoni l-aktar fuq prattiki ta' mġiba bħat-tnaqqis tal-ħin fuq l-iskrin u l-ġestjoni effettiva tiegħu kif ukoll it-titjib tas-sikurezza online. (Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolexxenti fl-era diġitali (Ġunju 2025), id-dok. 10430/1/25 REV 1).

39. Ikomplu jippromwovu u jiżviluppaw il-litteriżmu fl-IA bħala komponent integrali tal-litteriżmu diġitali u medjatiku fost iż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati oħra, u jappoġġawhom fl-iżvilupp konġunt ta' metodoloġiji tal-litteriżmu fl-IA maż-żgħażagħ u għalihom.

40. Jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Aġġornati tal-2026 għall-għalliema u l-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ[21] kif ukoll il-qafas tal-litteriżmu fl-IA bejn l-UE u l-OECD għall-edukazzjoni primarja u sekondarja[22].

41. Jappoġġaw liż-żgħażagħ permezz ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u forom oħra ta' parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ bl-għan li jitrawmu l-valuri tal-Unjoni Ewropea u d-demokrazija, u meta applikabbli l-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażagħ, bil-ħsieb li jippermettu l-kontribut attiv tagħhom għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki li jaffettwaw ħajjithom. Iżidu l-opportunitajiet għal inizjattivi mmexxija miż-żgħażagħ li jippromwovu l-valuri tal-Unjoni Ewropea, is-solidarjetà, il-ġustizzja interġenerazzjonali, iċ-ċittadinanza attiva u r-reżiljenza demokratika.

42. Jappoġġaw il-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u s-servizzi ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ, u esperti u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra bħaċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur fir-rwol tagħhom bħala fornituri ta' informazzjoni u appoġġ għaż-żgħażagħ u jippermettulhom ixerrdu informazzjoni ta' kwalità, adatta għaż-żgħażagħ u aċċessibbli biex jgħammru liż-żgħażagħ bil-kompetenzi meħtieġa biex jinnavigaw l-ambjent modern tal-informazzjoni.

---

21 Kummissjoni Ewropea: Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, *Linji gwida aġġornati għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litterizmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ – Aġġornati*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026, https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/60fddd7a-17dc-11f1-8870-01aa75ed71a1

22 OECD / Unjoni Ewropea (2026). Empowering learners for the age of AI: An AI literacy framework for primary and secondary education. OECD Publishing, Pariġi. https://doi.org/10.1787/65cd27d4-en

43. Jużaw l-opportunitajiet offruti mill-programm Erasmus+ u mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll minn programmi rilevanti oħra tal-UE bħall-Programm Ewropa Kreattiva, il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, u l-Programm Ewropa Diġitali, biex jappoġġaw proġetti mmirati lejn it-tisħiħ tal-litteriżmu diġitali u medjatiku taż-żgħażagħ u l-iżvilupp ta' inizjattivi biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

44. Tiffaċilita l-iskambju kontinwu tal-aħjar prattiki, ir-riċerka u l-evidenza dwar ir-reżiljenza taż-żgħażagħ għall-FIMI, id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha permezz ta' networks, strutturi u pjattaformi eżistenti[23].

45. Tippromwovi l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar ir-responsabbilizzazzjoni taż-żgħażagħ biex jinnavigaw l-ambjent ta' informazzjoni b'mod sikur fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

46. Toħloq aktar opportunitajiet biex tuża, tespandi u tkompli ssaħħaħ il-Verifika taż-Żgħażagħ fil-proċessi leġiżlattivi u tat-tfassil tal-politika u żżid it-trasparenza tagħha.

[23] Bħall-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Litteriżmu medjatiku.

47. Tkompli tiffaċilita Djalogi ta' Politika maż-Żgħażagħ sinifikanti bejn iż-żgħażagħ u l-Kummissarji dwar l-implimentazzjoni tat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija u l-oqsma ta' politika rilevanti kollha relatati mad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetajiet tagħna u tkompli ssaħħaħ u tiżviluppa ulterjorment id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ bħala mekkaniżmu ewlieni għall-parteċipazzjoni strutturata taż-żgħażagħ fit-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE, u ssaħħaħ il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

48. Tinkoraġġixxi u tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattika għall-bini ta' komunità, il-media diġitali u l-inizjattivi ta' litteriżmu fl-IA u r-reżiljenza demokratika permezz ta' networks, strutturi u pjattaformi eżistenti.